# MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali L-Imsida

**Laqgħa Nru. 49/2016**

Data: It-Tlieta 27 ta' Settembru 2016

Ħin: 5.30p.m.

Post: Sala tal-Kunsill Lokali

---

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Sindku | Sjra Margaret Baldacchino Cefai |
| | Kunsilliera | Sur Charles Selvaggi |
| | | Sur Matthew Agius |
| | | Sur Alan Abela Wadge |
| | | Sur Emanuel Brincat |
| | | Sra Romina Galea |
| | | Sur Lino Bartolo |
| | | Sur Maurice Agius |

Skużat: Dr Alex Sciberras talab li jkun skużat minħabba mpenji ta' xogħol.

*Karen Camilleri* – Agent *Segretarju Eżekuttiv*

---

## AĠENDA

1. Approvazzjoni tal-Minuti
2. Punti Mqajjma mill-Minuti
3. Skeda ta' Hlasijiet
4. Laqghat mad-Dipartimenti/Ministeru
5. Affarijiet Ohra
6. Korrispondenza
7. Aġġornament

Minuti – 49/*2016*

## 1. Approvazzjoni tal-Minuti

3134 Ġew iċċirkulati l-Minuti ta' Seduta Nru 49 lill-membri preżenti, li ttieħdu bħala moqrija.

Il-Minuti ġew approvati unanimament.

## 2 Punti Mqajjma mill-Minuti

| | | |
|---|---|---|
| 3135 | Il-Kunsillier Maurice Agius staqsa xi zviluppi kien hemm. Is-Sindku nfurmat li tressqet talba ghall-attenzjoni ta' Transport Malta. | 3086 – Proposta ta Zebra Crossing f'Rue D'Argents |
| 3136 | Il-Kunsillier Maurice Agius infurma li t-tabella m'ghadhiex tinhareg. | 3088 - Użu ta' Reserved Parking abbużiv fi Triq il-Magna tas-Serrar |
| 3137 | Il-Kunsillier Matthew Agius staqsa kienx hemm zvilupp. Il-Kunsillier Emanuel Brincat infurma li kien hemm xi proposti godda kif ukoll kien hemm xi haga l-Qorti. | 3089 - 1Hr Parking Scheme |
| 3138 | Il-Kunsillier Maurice Agius infurma li l-Patching baqa' ma sarx. | 3091 – Patching fi Triq it-Tabib Naudi |
| 3139 | Is-Sindku nfurmat li l-Kunsill qed jistenna l-istima tal-hsarat. Il-Kunsillier Emanuel Brincat staqsa jekk kienx sar rapport l-Ghassa | Punt 3096 - Fanal maqlugħ ħdejn Arcidiacono |
| 3140 | Il-Kunsillier Maurice Agius staqsa jekk il-meeting mal-kuntrattur ta' Triq Tal-Qroqq giex avvicinat. Is-Sindku nfurmat li l-Kunsillier Lino Bartolo ltaqa' ma~~l-kuntrattur~~ s-sid u ~~sar ftehim li se tithallas id-differenza~~. ihallas ~~id-differenza~~. nfurmah sabiex ~~il-kumplament~~ l-ammont dovut lill-Kunsill. | 3093 – Scaffolding fi Triq Tal-Qroqq |
| 3141 | Is-Sindku nfurmat li s-Sur Alan Vella accetta l-Kariga ta' Segretarju Ezekuttiv fil-Kunsill Lokali l-Imsida. Il-Kunsill qed jistenna l-proceduri ufficcjali izda s-Sur Vella diga beda jiehu ftit hand over. | Vakanza ta' Segretarju Ezekuttiv |

| | | |
|---|---|---|
| 3142 | Is-Sindku nfurmat li kien hemm artiklu fil-Gazzetta dwar rimi ta' Skart fi Triq Bordin ma Triq San Guzepp, fejn il-qarrej talab li jsiru CCTV ghaliex minkejja l-azzjoni li ttiehdet mill-Kunsill, l-iskart xorta baqa' jintrema. | Artiklu Gazzetta – Rimi ta' Skart |
| 3143 | Il-Kunsillier Maurice Agius staqsa jekk l-inizzjattiva tad-Direttorat tal-Indafa bdietx jew le. Is-Sindku nfurmat li l-ufficcjali marru tlett darbiet fi Triq Censu Farrugia, Triq F.S. Caruana u fl-inhawi tal-Junior College, izda kulma nqabdet kienet persuna wahda. | 3114 – Progett Pilota mid-Direttorat tal-Indafa |
| 3144 | Is-Sindku nfurmat li talbet li ssir sorveljanza wara s-1.00p.m. ghaliex jidher li dan l-abbuz qed isir f'dawk il-hinijiet. Is-Sindku nfurmat ukoll li talbet li s-sorveljanza tkompli. | |
| 3145 | Il-Kunsillier Matthew Agius issuggerixxa li l-Gimgha 14 t'Ottubru ssir sorveljanza fl-area tal-Universita', fi Triq Tal-Qroqq, Msida Circus u Triq il-Punent, ghaliex dak iz-zmien jaslu l-istudenti universitarji. Idealment is-sorveljanza ssir bejn it-3.00p.m. u s-7.00p.m. | |
| 3146 | Il-Kunsillier Maurice Agius infurma lill-membri li hu kien talab kopja tal-pjanti tar-rotot tal-Knis izda baqa' ma nghata xejn. Is-Sindku nfurmat li dawn il-pjanti jinsabu fil-pigeon hole tieghu, fl-ufficcju. | 3123 – Pjanta Rotot Knis |
| 3147 | Il-Kunsillier Maurice Agius staqsa x'sar dwar il-rampa llegali fi Triq San Alwigi. Is-Sindku qrat ir-risposta mibghuta mis-sid fejn qed jallega li din ir-rampa ilha snin hemmhekk. Il-Kunsillier Maurice Agius irribatta li dan mhux minnu, li r-rampa ilha s-snin. | 3125 - Rampa llegali fi Triq San Alwigi |
| 3148 | Il-Kunsillier Lino Bartolo staqsa f'liema triq gew installati dawn il-bollards. Is-Sindku nfurmat li dan huwa kaz maghluq, ghax il-bollards tnehhew mill-persuna li ghamlithom. | 3124 – Bollards installati fit-tarmac |
| 3149 | Il-Kunsillier Maurice Agius gibed l-attenzjoni dwar l-istat mahmug li jinsab fih Misrah San Guzepp. Is-Sindku nfurmat li talbet stima ghal hasil bil-powerwash, lill-Kuntrattur tal-Knis. | Misraħ San Ġużepp |
| 3150 | Il-Kunsillier Maurice Agius staqsa dwar il-puggaman tat-tarag ta' hdejn l-iSkate Park. Gie maqbul li jsir actu fuq it-tarag biex ma jibqax jizloq. | Taraġ ta' ħdejn l-iSkate Park |
| 3151 | Il-Kunsillier Maurice Agius staqsa dwar it-tbattil tal-Bring in site. Sar qbil li l-Kunsill jitkellem ma' Greenpak. | Tbattil ta' Bring-in Sites |

| | | |
|---|---|---|
| 3152 | Il-Kunsillier Alan Abela Wadge gibed l-attenzojni li fi Triq Tal-Qroqq hemm garaxxijiet li qed jintuzaw bhala abitazzjoni ghal xi persuni. Il-Kunsillier Abela Wadge gibed l-attenzjoni li dan il-garaxx hemm anke linji sofor. Il-Kunsillier Abela Wadge għandu jipprovdi r-ritratti dwar dan il-każ. | Garaxxijiet jintużaw bħala residenzi fi Triq Tal-Qroqq |

## 3 Skeda ta' Hlasijiet

3153 L-Agent Segretarju Ezekuttiv poggiet fuq il-Mejda l-Iskeda ta' Hlasijiet ghall-approvazzjoni tal-Membri.

3154 Il-Kunsillier Maurice Agius staqsa dwar il-pagament ta' TCTC u talab l-ammont ta' studenti li attendew ghal dawn il-lezzjonijiet.

Ħlas TCTC

3155 Il-Kunsillier Lino Bartolo Staqsa dwar Pagament Nru 30.
Is-Sindku nfurmat li dan ix-xoghol sar bejn Marzu u Mejju 2016.

Pagament Nru 30

3156 Il-Kunsillier Maurice Agiius staqsa dwar it-Tipping Fees. L-Agent Segretarju Ezekuttiv infurmat li l-Kunsill ghandu allokazzjoni partikolari ghall-hlasijiet tat-Tipping Fees u hadet decizjoni li l-Kunsill ihallas biss l-ammont kopert mill-allokazzjoni.

Tipping Fees – WastServ

L-iskeda giet approvata unanimament.

3157 **Il-Kunsillier Romina Galea dahlet ghal-laqgha fis-18: 35**

## 4. Korrispondenza

3158 Is-Sindku nfurmat li tressqu l-proposti ghal traffic managment ta' Triq San Alwigi ghall-approvazzjoni ta' Transport Malta. Il-Kunsillier Maurice Agius staqsa jekk hux se ssir laqgha mar-residenti. Is-Sindku nfurmat li jkun ghaqli jekk il-Kunsill jistenna d-decizjoni ta' Transport Malta.

1472 – Traffic Management Triq San Alwiġi

3159 Il-Kunsillier Maurice Agius issuggerixxa li Triq C. De Brockdorf issir One-Way biex it-traffiku jinzel kollu lejn il-Gzira. Is-Sindku spjegat li Triq il-Kuncizzjoni saret traffikuza z-zewg nahat matul il-gurnata kollha. Il-Kunsillier Matthew Agius issuggerixxa li Triq il-Kuncizzjoni tigi No Entry f'hinijiet partikolari. Il-Kunsillier Maurice Agius issuggerixxa li ssir laqgha ta'konsultazzjoni mar-residenti qabel l-approvazzjoni ta' Transport Malta. Il-Kunsillier Romina Galea gibdet l-attenzjoni li r-residenti kienu talbu li Triq il-Kuncizzjoni ssir pedestrian u zgur se jaqblu li ssir One-Way, ghaliex dawn ir-residenti lanqas b'xirja ma jistghu jghaddu mit-triq ghax jispiccaw imkaxkra minn xi karozza.

Traffic Management fi Triq C de Brockdorf, Triq il-Kunċizzjoni

3160 Il-Kunsillier Matthew Agius staqsa li f'kaz li tinhareg l-approvazzjoni ta' Transport Malta, il-Kunsill se jimplimenta din id-decizjoni, ghaldaqstant hu qed jitlob li ssir konsultazzjoni mar-residenti. Is-Sindku qalet li dan huwa suggeriment tal-Kunsill u hija fid-diskrezzjoni ta' Transport Malta li japprova jew le dan is-suggeriment. Is-Sindku qalet li jekk din it-talba tiġi approvata, ssir konsultazzjoni mar-residenti.

3161 Is-Sur Matthew Mangion staqsa dwar il-progett ta' afforestazzjoni fis-Swatar. Il-Kunsill infurma li hu m'ghandu l-ebda informazzjoni u fid-dawl ta' dan kollu kien hemm ftehim li tintalab aktar informazzjoni lill-Ministeru koncernat. — Proġett ta' Afforestazzjoni fis-Swatar

3162 Is-Sindku nfurmat li l-Kummissjoni Zghazagh Guzeppini talbet li jsir Car Wash fil-Misrah. Saret diskussjoni dwar din it-talba u kien hemm qbil li l-permess jinghata bil-Kundizzjoni li l-Ghaqda tkun responsabbli mill-provvista ta' ilma, permezz ta' bowser a spejjez tal-istess ghaqda. — Talba ghall-Permess mill-KZG

3163 Is-Sindku nfurmat li r-Regjun Centru jinsab ghaddej b'hidma sabiex jinhargu numru ta' Bye-Laws fil-lokalitajiet li jiffurmaw parti minn dan ir-regjun. — Bye Laws mir-Regjun Centru

3164 Il-Kunsillier Maurice Agius ippropona li ssir Bye-Law sabiex is-sidien tal-hwienet ikunu obbligati jipprovdu bins fejn l-entraturi tagħhom. Is-Sindku nfurmat li din il-proposta diġa tressqet waqt il-laqgħa tar-Reġjun.

3165

**Il-Kunsillier Charles Selvaggi dahal ghal-laqgha fis-7.00p.m.**

## 5 Laqghat mal-Ministeri/Dipartimenti

3166 Is-Sindku nfurmat lill-membri li saret laqgha ma-Direttur tad-Dipartiment ghall-Gvern Lokali, s-Sur Adrian Mifsud. L-Agent Segretarju Ezekuttiv tat spjega tal-andament tal-laqgha. L-Agent Segretarju Ezekuttiv infurmat li matul il-laqgha hareg bic-car li l-Allokazzjoni li nghatat lill-Kunsill matul is-snin ma tirriflettix il-htigijiet veri tal-lokalita' u ghaldaqstant saret talba formali sabiex issir revizjoni tal-Allokazzjoni. — Laqgħa mad-Direttur tad-DLG

3167 Is-Sindku nfurmat lill-membri li saret laqgha mal-Co-Ordinator ta' Transport Malta. Il-Kunsillier Emanuel Brincat infurma wkoll li saret laqgha mal-Perm. Sec tal-Ministeru ghat-Transport u Infrastruttura, s-Sur Christopher Cutajar fejn gew diskussi bosta talbiet pendenti fosthom; — Laqgħa ma Transport Malta u l-Perm Sec fi ħdan il-Ministeru għat-Transport u Infrastruttra

- Un/Loadin fi Triq ix-Xatt tal-Imsida
- Pelican Lights
- Bridge bejn il-gonna

- Rain Water Culverts fi Triq il-Wied
- Thammil tal-bahar
- Installar ta' bollards sabiex jitrazzan l-ipparkjar illegali
- Timed Parking Scheme
- Calming Measures fi Triq D'Argens
- Resurfacing ta' Toroq Godda

3168 Il-Kunsillier Charles Selvaggi staqsa liema kienu dawk it-toroq li se jsiru bit-tarmac. Il-Kunsillier Emanuel Brincat nfurma li kienet intbaghtet korrispondenza mis-Sur Simon Grima. Il-Kunsillier Charles Selvaggi nfurma li Triq il-Harrub tinsab kwazi lesta u staqsa jekk dan ix-xoghol sarx minn Transport Malta. Il-Kunsillier Emanuel Brincat ikkonferma li dan ix-xoghol sar minn TM. Il-Kunsillier Charles Selvaggi ssuggerixxa li jsiru marking tal-parkegg. — Resufacing ta' Toroq minn Transport Malta

3169 Il-Kunsillier Maurice Agius staqsa dwar it-talba ghall-Pelican Lights f'Rue D'Argens. Is-Sindku nfurmat li din it-talba tressqet ghall-attenzjoni tat-Traffic Control Board. — Talba ghal Pelican Lights f'Rue d'Argens

3170 Il-Kunsillier Emanuel Brincat infurma lill-Kunsillier Charles Selvaggi dwar it-Timed Parking Scheme, minhabba l-fatt li x'hin giet diskussa din l-issue l-Kunsillier Selvaggi kien ghadu ma dahalx ghal-laqgha. — Timed Parking Scheme fl-Imsida

## 6 Hwejjeg Oħra

3171 Is-Sindku nfurmat li l-persuna li kienet tieħu ħsieb il-letrina, miet ħabta u sabta. F'dan l-istadju l-Kunsill tkellem mal-ħaddiem Joseph Baldacchino u sar ftehim li jibda jieħu ħsieb il-letrina hu, għaliex il-persuna li kellu l-Kuntratt, li huwa missier il-mejjet, m'għadux interessat jibqa jieħu ħsieb hu. Il-Kunsillier Matthew Agius staqsa jekk hemmx komunikat uffiċċjali mingħand is-Sur Alfred Cutajar li m'għadux interessat li jkompli bil-kuntratt. Il-Kunsillier Emanuel Brincat qal li trid tintbagħat il-korrispondenza li tgħid li s-servizz ingħata sat-13 ta' Settembru 2016. — Letrina Pubblika fl-Imsida

3172 Is-Sindku nfurmat li l-Kumpanija Greenpak se jipprovdu CCTV a spejjeż tal-kumpanija, iżda hemm bżonn li jingħataw point minn fejn jieħdu d-dawl. — Installar ta' CCTV minn Greenpak

3173 Ġew proposti diversi siti fejn tista' titpoġġa din is-CCTV, fosthom Triq Victor Denaro, Triq Censu Farrugia, Misraħ il-Barrieri, Triq il-Wied, ħdejn il-ġibjun u Triq il-Wied ħdejn l-Għajn tal-Ħasselin.

3174 Il-Kunsillier Charles Selvaggi ppropona li dawk il-persuni li jinqabdu jabbużaw jiġu shared fuq Facebook.

3175 Is-Sindku proponiet li tintbagħat ittra ta' ringrazzjament lid-Direttorat tat-Tindif u s-Segretarju Parlamentari dwar ix-xogħol ta' tindif tal-ġibjun. Ringrazzjament – Direttorat għat-Tindif

3176 Is-Sindku nfurmat li dan l-aħħar twaħħlet webcam fuq il-Kunsill, fuq in-naħa ta' Triq il-Wied, liema spejjeż tħallsu kollha minn Transport Malta. Is-Sindku ssuġġeriet li ssir webcam oħra li ġġib l-area tax-Xatt u l-Knisja. Is-Sindku proponiet li din il-webcam issir fuq il-Football Club. Installar ta' Webcam fl-area tax-Xatt

3177 Is-Sindku nfurmat li ltaqgħet mas-Sur Alan Camilleri fejn qed jissuġġerixxi li jsiru bike stands bi ħlas. Qed jiġi propost li dawn il-bike stands isiru wara l-istages ta' Xatt l-Imsida u fejn l-iSkate Park. Ir-residenti se jingħataw discount fuq l-użu ta' dawn l-istands. Talba għal installar ta' Bike Stands

3178 Il-Kunsillier Charles Selvaggi staqsa minn fejn se jittieħed id-dawl għal dawn il-panels.

3179 Il-Kunsillier Maurice Agius qal li hu ma jaqbilx li l-bike stands issir quddiem ix-Showroom. Il-Kunsillier Charles Selvaggi staqsa x'se jigwadanja l-Kunsill. Il-Kunsillier Maurice Agius talab li r-residenti Misidjani jingħataw post free of charge.

3180 Il-Kunsillier Matthew Agius ippropona li ssir fee għaliex jekk jinqala' xi ħaddieħor, x'pożizzjoni x'se jieħu l-Kunsill. Il-Kunsillier Matthew Agius ppropona li jsir kalkolu ta' fee u jsir ftehim li jiġġedded sena sena.

3181 Il-Kunsillier Lino Bartolo ġibed l-attenzjoni li wara l-istage (Kulleġġ) kellha ssir rampa biex tidħol il-bowser. Rampa

3182 Is-Sindku ġibdet l-attenzjoni li huwa mportanti li qabel isiru kummenti fuq Facebook jew media soċjali dwar xogħlijiet għandha ssir verifika. Dan ġara fil-każ dwar il-każ ta' Triq Censu Farrugia. Il-Kunsillier Emanuel Brincat ġibed l-attenzjoni li l-Kunsill m'għandux jintuża għal skopijiet partiġġjani. Kummenti fuq il-Media Soċjali

3183 Il-Kunsillier Maurice Agius ġibed l-attenzjoni li ilu tlett xhur jistenna l-pjanta tar-rotot tal-knis. Dan għaliex il-Contract Manager qal lill-impjegati b'ton dispreġġjattiv biex ma jagħtux kasu. Dan għaliex huwa Kunsillier Nazzjonalist. Is-Sindku qalet li dan l-aġir tal-Contracts Manager mhux kwistjoni ta' Nazzjonalist jew Laburist, iżda sfortunatament huwa l-karattru tiegħu li jieħu din l-attitudni. Il-Kunsillier Charles Selvaggi ppropona li jinħareġ Warning, dwar l-imġieba tal-Contacts Manager. Contracts Manager tal-Kunsill

3184 Il-Kunsillier Charles Selvaggi qal li f'Kunsill preċedenti kien hemm atteġjament politiku, b'mod partikolari mis-Sindku preċedenti. Is-Sindku qalet li kemm ilha Sindku hi dejjem żammet il-Politika barra mill-Kunsill u dejjem ħadmet għal ġid tal-lokalita' kollha misidjana. X'kien jagħmel ħaddieħor ma tistax tirrispondi għalih hi. Is-Sindku qalet li meta kienet kunsillier taħt tmexxija Nazzjonalista kien hemm ukoll atteġjamenti politiċi.

3185 Is-Sindku nfurma li waqt il-laqgħa li kellha mad-Direttur tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali, nġibdet l-attenzjoni li l-Kuntratt tal-Contracts Manager għandu jieqaf b'mod immedjat għax ilu skadut u ġaladarba hemm restrizzjoni finanzjarja l-Kunsill għandu jara kif se jnaqqaf l-ispejjeż. Saret diskussjoni dwar dan is-servizz u sar qbil li l-ħidma tal-Contracts Manager jiġi terminat fit-30 t'Ottubru 2016.

Terminu tal-Kuntratt tal-Contracts Manager tal-Kunsill

3186 Is-Sur Matthew Mangion staqsa x'jista' jsir dwar il-ħsarat li hemm fil-Playing field tas-Swatar. Is-Sur Mangion staqsa wkoll dwar is-CCTV Cameras eżistenti fl-istess playingfield. Il-Kunsillier Emanuel Brincat qal li saret manutenzjoni u nġabru wkoll stimi iżda minħabba l-problemi finanzjarji li għandu l-Kunsill, ix-xogħol ma setax isir.

Ħsarat fil-Playingfield ta' Swatar

3187 Is-Sur Matthew Mangion qal li residenti fi Triq Antonio Sciortino hemm resident li għandu garaxx u qed ikollu problemi bil-parking ta' quddiem il-garaxx. Saret talba sabiex issir Keep Clear Box.

Problemi t'Aċċess fi Triq Antonio Sciortino

**7 Il-Kunsillier Matthew Aguis ħareġ mil-laqgħa fi 20:05**

**Il-Kunsillier Alan Abela Wadge u s-Sur Matthew Mangion ħarġu mil-laqgħa fi 20:10**

**Il-Kunsillier Emanuel Brincat talab li jiġi skużat minħabba raġunijiet ta' saħħa u ħareġ mil-laqgħa fi 20:15.**

3188 Triq Santa Venera hemm resident, ċertu Victor Sultana, li qed ikollu problemi b'parking, fejn i-vetturi qed jispiċċa jagħlquh f'daru, għax m'hemmx bankina. Il-Kunsill fehem id-diffikultajiet li qed iħabbat wiċċu magħhom dan ir-resident u l-Kunsill qabel li għandha tinstab soluzzjoni mill-aktar fis.

Abbużi ta' parkeġġ

3189 Il-Kunsillier Charles Selvaggi ġibed l-attenzjoni dwar il-ħruġ ta' permessi għal xogħlijiet ta' makkinarju, minħabba l-proġett tal-Kappara. Is-Sindku nfurmat li l-Kunsill dejjem jitlob l-approvazzjoni ta' Transport Malta qabel jinħarġu l-permessi. Fil-fatt f'Rue d'Argens ix-xogħol isir biss nhar ta' Sibt.

Ħruġ ta' Permessi ta' Makkinarju

| | | |
|---|---|---|
| 3190 | Il-Kunsillier Charles Selvaggi nfurma li kiteb lill-iSpettur tal-Pulizija dwar il-barranin li qed ikun hemm fi Triq Tal-Qroqq, jixorbu u s'issa ma kellu l-ebda feedback. | Abbużi fi Triq Tal-Qroqq |
| 3191 | Il-Kunsillier Maurice Agius infurma lill-membri li l-ħġieġa tal-Bus Shelter ta' Triq il-Kunċizzjoni, ħdejn il-Każin tal-Banda hija ~~maqlugħa~~. miksura KC | Ħġieġa ta' Bus Shelter nieqsa |
| 3192 | Il-Kunsillier Maurice Agius infurma lill-membri dwar problema li qed tinħoloq mill-kollettur tal-ġbir tal-iskart mqabbad mill-Kumpanija Busy Bee, fejn dan jiġi kull filgħodu għal ħabta tas-6.15a.m. u biex jiġbor l-iskart jintefa' f'nofs ta' triq u jagħlaq il-karreġġjata. Il-Kunsillier Maurice Agius infurma li tkellem ma' waħda mill-impjegati ta' Busy Bee, ċerta Mrs Ellul u ġibed l-attenzjoni dwar dan l-abbuż, fejn kellu r-risposta li huma mhux responsabbli minn dan l-abbuż għax hu mhux impjegat tal-Kumpanija Busy Bee. Meta l-Kunsillier Maurice Agius ġibed l-attenzjoni li l-Kumpanija Busy Bee għandhom Un/Loading Bay u tal-iscammel jista' jagħmel użu minnha, s-Sinjura Ellul qaltlu li huma m'għandhom l-ebda Un/Loading Bay. Il-Kunsillier Charles Selvaggi qal li ġaladarba l-Busy Bee m'għandhom Un/Loading bay, il-bay li hemm quddiemhom titneħħa. | Ġbir ta' Skart – Busy Bee |
| 3193 | Il-Kunsillier Lino Bartolo ppropona li l-bollards tal-Kappillan, fi Triq Johnny Catania, jitneħħew sabiex jitħallas aċċess għal parkeġġ għar-residenti u l-bollards isiru biss fi żmien il-festa. | Bollards fi Triq Johnny Catania |
| 3194 | Il-Kunsillier Lino Bartolo saħaq l-importanza li jsir Bus Shelter fi Triq Tal-Qroqq, faċċata tal-iSkate Park. Is-Sindku nfurmat li għamlet talba lill-Kuntrattur Sean Fitz sabiex jagħmel seats jinfetħu u jingħalqu qrib il-Bus Stop. | Bus Shelter fi Triq Tal-Qroqq |
| 3195 | Is-Sindku nfurmat li fl-area tas-Swatar jeħtieġ li jsir traffic management ta' Triq Innocenz Zammit, fejn din it-triq issir One Way l'isfel. Il-Kunsill approva li jressaq din it-talba għall-attenzjoni tal-Kumitat Amministrattiv sabiex jagħtu l-ideat tagħhom. | Traffic Management fi Triq Innocenz Zammit |
| 3196 | Il-Kunsillier Romina Galea informa li Tal-Pastizzi ħdejn l-iSkate Park fi Triq Achille Ferris qed joħroġ xi barriers fit-triq biex ħadd ma jipparkja quddiemu. | Abbużi minn Pastizzeria fi Triq Achille Ferris |
| 3197 | Il-Kunsillier Maurice Agius qal li fi Triq Johnny Borg, l'parti li toħroġ għal Misraħ il-Barrieri hemm take away li qed joħroġ l-imwejjed u siġġijiet. | Abbużi fi Triq Johnny Borg |
| 3198 | Il-Kunsillier Romina Galea nfurmat li mal-Monument tal-Ħaddiem hemm Żewġ High Up ipparkjati u ilhom hemmhekk. | High Ups ipparkjati fejn il-Monument tal-Ħaddiem |

3199 Il-Kunsillier Romina Galea nfurmat li fi Triq il-Kunċizzjoni hemm numru ta' vetturi bi pjanċi barranin li qed jipparkjaw u jieħdu l-parkeġġ, b'konsegwenza li r-residenti mhux qed ikollhom fejn jipparkjaw. Vetturi bi pjanċi barranin

3200 Il-Kunsillier Lino Bartolo nfurma lill-membri li mar il-MEPA jiċċekja dwar il-blokki tal-Kaxxkos tal-Football Club fejn sal-lum jidher li ħadd m'applika għall-permessi meħtieġa, filwaqt li s-sidien ta' Cafe Giuseppe għamel Sanction u ħallas € 10,000 biex titħalla l-platform u l-imwejjed u s-siġġijiet. Permessi – Msida Football Club u Cafe Guiseppe

**8 Aġġornament**

Il-laqgħa ntemmet fid-20.45p.m. u ġiet aġġornata għat-Tlieta 18 t'Ottubru fil-5.30p.m.

Margaret Baldacchino Cefai
*Sindku*

Karen Camilleri
Aġent *Segretarju Eżekuttiv*

Approvati Data: